FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' APRIL 2016

Il-Pulizija

Spettur Joseph Mercieca

vs

Joseph Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 293290M akkuzat talli bejn it-3 u s-6 ta' Frar 2014, minn mahzen formati parti mill-kumpless tas-socjeta' ex Multigas Ltd. fi Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun:

1. ikkommetta serq ta' ghadd t'oggetti realtati mas-sajd, accessorji t'opri tal-bahar u/jew xi oggetti ohra minn fuq opra tal-bahar tal-ghamla Kingfisher Poseidon, bl-isem Stepmar, Valletta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Stephen Abela u/jew ta' xi persuni jew ta xi entita jew entitajiet ohra;
2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe' bieba ta' kabina t'opra tal-bahar tal-ghamla Kingfisher Poseidon, bl-isem Stepmar, Valletta, liema hsara tammonta ghal iktar minn elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) u li saret ghad-dannu ta' Stephen Abela u jew xi persuna jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;
3. kiser il-provvedimenti tal-Artikoli 7, 11 u 12 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Att dwar il-Probation, li kienu gew imposti fuqu b'sentenzi definittivi datati 9 t'Ottubru 2012, 28 ta' Frar 2013 (sanzjoni kommunitarja) u 6 ta' Mejju 2013;
4. rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament mhux opposta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264(1), 267, 278(2), 279(a), 280(2), 289, 325(1)(a), tal-Kap 9 u l-Artikoli 9, 7, 11, 12, 23, 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446, tordna lill-imputat jaghmel 150 siegha xoghol fil-komunita'.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat